# Kaċċa bla ħniena fuq il-Gamiem speċjalment fil-Miżieb

## Id-WBRU tirrifjuta li twieġeb kemm inqabdu Summien sa issa

Fl-aħħar ftit jiem eluf ta' Gamiem inqatlu illegalment f'Malta u Għawdex hekk kif il-kundizzjonijiet tat-temp wasslu għal passa tajba ta' Gamiem minn fuq il-Gżejjer Maltin. Ilbieraħ, u l-Ħadd partikolarment, kienu jiem tajbin għall-passa tal-Gamiem b'għasafar individwali sa qtajja' ta' sitta osservati jinżlu f'diversi lokalitajiet u jispiċċaw bla ħniena fil-mira tal-kaċċaturi daqslikieku kien staġun miftuħ fuqhom. Filmati li qed inxandru llum u li ttieħdu minn BirdLife Malta juru żewġ kaċċaturi jisparaw u joqtlu din l-ispeċi vulnerabbli, waqt li fi spazju ta' jumejn ġbarna ħames Gamimiet oħra feruti jew maqtula b'tiri ta' senter.

Tnejn mill-ħames Gamimiet instabu fil-Miżieb, li l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) tgħid li hija art tagħha. Staff ta' BirdLife Malta sabu Gamiema feruta il-Ħadd waranofsinhar, waqt li timijiet tal-Committee Against Bird Slaughter (CABS) sabu Gamiema oħra feruta fil-Miżieb ilbieraħ. Dan wara diversi każi fejn Gamiem li ġie osservat jipprova jsib kenn f'dan il-masġar sab jilqgħu t-tiri tal-kaċċaturi. Il-Miżieb jibqa' kalamita għall-illegalitajiet, u fl-imgħoddi numru ta' tajr protett maqtul instab saħanistra moħbi taħt il-ġebel f'dan il-post.

Waqt li baraxx ta' tiri lbieraħ instema' f'diversi partijiet tal-Gżejjer Maltin, fuq il-midja soċjali spikkaw diversi lmenti minn membri tal-pubbliku jirrappurtaw sparar kontinwu saħanistra sa mill-4:30am sa nofsinhar. Bin-numru eċċezzjonali ta' Gamiem li kien osservat ipassi lbieraħ sa tard filgħodu, BirdLife Malta temmen li dawn it-tiri kienu fil-maġġor parti tagħhom fuq il-Gamiem u mhux fuq is-Summien li suppost huwa l-uniku speċi kaċċabbli tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa.

Fil-jiem li għaddew, BirdLife Malta rċeviet ukoll diversi għasafar oħra protetti li spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali fosthom tajr tal-priża, irsieset, Tajr Isfar, Daqquq tat-Toppu u Qerd in-Naħal li juri kif speċi bħal dawn ukoll jinsabu fil-mira tul l-istaġun miftuħ. B'kuntrast, talba li tressqet

ilbieraħ minn BirdLife Malta lill-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) u lill-Ministru għall-Ambjent Aaron Farrugia biex jipprovdu n-numri ta' Summien li l-kaċċaturi ddikjaraw li qabdu sa issa baqgħet bla tweġiba.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Huwa ċar li l-Gvern jinsab ħaġa waħda mal-lobby tal-kaċċaturi biex jaħbi dawn l-atroċitajiet. L-għaqdiet tal-kaċċa u l-membri tagħhom iħossu li jistgħu jeħilsuha ħafif f'kull ħaġa li jagħmlu bħalissa minħabba li l-Prim Ministru u l-Kabinett qed jagħmlu minn kollox biex jagħtuhom kulma jridu, inkluż li jikkaċċjaw għall-Gamiem, li huwa protett. Ta' min ifakkar li meta l-Prim Ministru preċedenti Joseph Muscat ħa pożizzjoni u waqqaf il-kaċċa fir-rebbiegħa qabel iż-żmien minħabba illegalitajiet fl-2015, kellna s-sena bl-inqas numru ta' għasafar protetti li spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali. Jidher li b'Dr Robert Abela fit-tmun, din is-sena se jkollna numru rekord ta' għasafar protetti maqtula jew feruti. Messu jistħi."

Il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara qal: "Ilna ma naraw daqshekk illegalitajiet rampanti żmien twil. Mill-bidu ta' din is-sena l-veterinarji rċivew 44 għasfur protett li spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali wara li nstabu mill-pubbliku. Nofs dawn l-għasafar inġabru mill-bidu tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fl-10 ta' April, b'xejn inqas minn 12 jidħlulna mis-Sibt li għadda. Dan kollu qed iseħħ taħt l-iskuża ta' deroga mid-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar għall-kaċċa fir-rebbiegħa – eċċezzjoni għar-regola li Malta għandha tinżamm responsabbli għaliha. Aħna se nkunu qed nassistu lill-Kummissjoni Ewropea biex dan jitwaqqaf darba għal dejjem."

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmuża:**
- Tqabbil mifrux fuq tliet snin dwar il-kaċċa illegali mill-bidu tas-sena sal-20 ta' April

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-Sy9MdGzk3T**
1. Qerd in-Naħal ferut li nġabar nhar is-Sibt mill-Mosta
2. Gawwija Prima feruta li nġabret is-Sibt minn Ħaż-Żabbar
3. Rundun ferut li nġabar nhar is-Sibt minn San Pawl il-Baħar
4. Gamiema feruta li nġabret nhar il-Ħadd mill-Miżieb
5. Tajra Safra li nstabet il-Ħadd fil-Bidnija

6. Gamiema feruta li nġabret ilbieraħ mill-Baħrija
7. Tellerita feruta li nstabet ilbieraħ f'Pembroke
8. Spanjulett ferut li nstab ilbieraħ f'Tal-Ibraġġ
9. Spanjulett ferut li nstab ilbieraħ fil-Mosta
10. Gamiema mejta li nstabet ilbieraħ f'Burmarrad
11. Gamiema feruta li nstabet mill-CABS ilbieraħ fil-Miżieb
12. Gamiema feruta li nstabet ilbieraħ f'Binġemma

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/9GMOfAlbGrg**

- Kaċċa illegali fuq il-Gamiem matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa li suppost hu miftuħ biss għas-Summien